**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU TMIENJA U TLETIN**

Il-Kunsill Lokali Isla Itaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar l-Erbgha 13 ta' Gunju 2007 fis-6.30pm.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku | | |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku | | |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier | - | 18.50hrs |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier | | |

Ufficjal Prezenti: Alphonse Zammit - Segretarju Ezekuttiv

Udjenza : 0

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku.
3. Mistoqsijiet
4. Rizenja Segretarju Ezekuttiv
5. Rapport Kumitat Konsultattiv
6. Tenders Ground tal-Football
7. Imhazen Macina
8. Rizoluzzjonijiet

**38 (1) Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tal-laqgha ta' qabel nru. 37 sejrin jigu prezentati ghall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss dik nru. 39.

**38 (2) Komunikazzjoni**

Komunikazzjoni mis-Sindku Joseph Casha dwar il-hidma u il-laqghat li saru mill-ahhar laqgha tal-Kunsill.

38 (2) 1 Restoration Unit (4 ta Gunju 2007)

Is-Sindku Joseph Casha ghamel kuntatt mas-sur Ray Tabone tar-Restoration Unit biex jitnaddaf il-haxix hazin li hemm mas-swar fid-dahla ta' l-Isla u biex isir tindif mill-kitba fil-Gardjola. Infatti dan ix-xoghol diga inbeda.

38 (2) 2 Dranagg Portu Salvu (4 ta' Gunju 2007)

Is-Sindku Joseph Casha ghamel kuntatt ma Vince Vassallo dwar il-problema li hemm dranagg sejjer ghand ir-residenti. Sar qbil li is-sistema li hemm tinbidel kollha.

38 (2) 3 Koperazzjoni mal-Kunsill Lokali tax-Xaghra Ghawdex (5 ta' Gunju 2007)

Is-Sindku Joseph Casha kellhu laqgha mas-Sindku tax-Xaghra Joe Cordina dwar il-possibilita' ta' koperazzjoni ta' attivitajiet bejn iz-zewg Kunsilli, l-Isla f'Malta u ix-Xaghra f'Ghawdex. Aktar u aktar billi din is-sena jahbat il-hamsin sena anniversarju mit-twaqqif mill-gdid tal-knisja ta' l-Isla minn wara it-tifrik tal-Gwerra.

Barra dan sar qbil fil-principju li jsir skambju ta' zghazagh miz-zewg lokalitajiet. Issemma il-progett tal-bizzilla u stediniet ghal bdil ta' baned muzikali bejn iz-zewg lokalitajiet.

38 (2) 4 Seminar AKL – Lukanda Corinthia San Gorg (9 ta' Gunju 2007)

Ittella seminar bit-tema 'Flimkien Ilkoll Indaqs' fuq l-importanza li ghandha tinghata lit-tfal. Hadu sehem kelliema mill-pajjizi Ewropej u kemm minn diversi agenziji f'Malta li jahdmu favur il-gid tat-tfal.

Minn dan is-seminar hargu dawn il-punti :

- Numru sewwa ta' ommijiet qeghdin johorgu jahdmu minhabba problemi socjali fosthom li huma single mothers.

- Il-Kunsilli qeghdin ihossu li hemm bzonn li jorganizzaw childcare centres fuq bazi regjonali imma minhabba nuqqas ta' finanzi qed tkun difficli li dan jsir.

- Dan jinhtieg li jsir ghax dan ifisser investiment ghal futur ta' uliedna.

38 (2) 6 Is-Sindku informa lil Kunsilliera li ghandu talba mid-direttur tal-Marsovin, is-Sur Jimmy Cassar biex ghada issir laqgha dwar possibilita' ta' attivita' fil-Gnien il-Gardjola bejn il-Kunsill u il-Marsovin. Il-Kunsill jaqbel mas-suggeriment.

38 (2) 6 Laqgha ta' l-LES (11 ta' Gunju 2007)

Giet diskussa il-problema li tqajmet dwar is-sistema ta' CTV Cameras fil-Birgu. Il-Kunsill tal-Birgu qed jilmenta li minkejja dan is-servizz mhux qed isir monitoring ghal matul l-24 siegha kuljum. Il-Kunsill Lokali Birgu qieghed lura fil-hlasijiet tieghu rigward dan is-servizz.

Ghanda issir laqgha mal-kumpanija Sterling Security dwar dan.

Il-Kumitat Kongunt qabel li jerga jitkellem rigward it-talba ta' Rahal Gdid biex jidhol bhala partner f'dan il-kumitat.

Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara u tax-Xaghjra tilfu madwar Lm400 bejniethom. Dawn ghandhom jinqasmu prorata mal-Kunsilli kollha fil-grupp.

Sar suggeriment li jinhargu ittri b'avukat ghal dawk li jigu misjuba hatja u jibqghu ma jhallsux.

18.50 hrs Il-Kunsillier Charmaine Gerada dahlet ghal laqgha tal-Kunsill.

38 (2) 7 Laqgha mas-sidien tal-hwienet li hemm fix-Xatt.

Prezenti : Kevin/Frankie Ahar, Salvu Grima, Glenn Marshall, Graziella Gellel, Keith Micallef, Emmanuel Stafrace. Minn naha tal-Kunsill kien hem mis-Sindku Joseph Casha, il-Vici Sindku Walter Ahar, is-Segretarju Ezekuttiv Alphonse Zammit u is-Supretendent u l-ispettur tal-pulizija tad-distrett.

Gie imfisser lilhom il-problemi li qed jinqaghlaw minhabba nuqqas ta' spazju fil-promenade, minhabba armar ta' mwejjed zejda minghajr permess, muzika minghajr permess.

Is-Sindku Joseph Casha appella ghal koperazzjoni tas-sidien tal-hwienet li filwaqt li jifhem li is-sajf huwa il-qofol ta' l-ghixien

taghhom, fl-istess hin ma jistax jkun li ic-cittadin ma jkollux spazju fejn ikun jista' jimxi fix-xatt b'mod specjali fil-weekends (il-Gimgha, Sibt u il-Hadd).

Sar suggeriment biex issiru marki li jindikaw li is-sidien tal-hwienet jkunu jistghu jarmaw l-imwejjed.

Fl-istess hin kien hawn talba ghal estensjoni fil-permessi ta' l-imwejjed.

Is-Supretendent tal-pulizija ghamila cara li il-pulizija ser tiehu azzjoni minnufih hekk kif ikollha ilmenti imressqa mill-pubbliku.

Is-Sindku Joseph Casha wieghed li sejjer jiddiskuti din il-problema ta' spazju ghal-imwejjed ma l-MTA.

Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood, il-Kunsill qabel li jibqa kollox bhas-sena l-ohra, li ix-xatt jinghalaq kuljum bejn is-7.00pm u il-11.00pm u jsir pedestrian zone. Ghanda issir tabella biex juri dan u tinhareg sticker apposta ghar-residenti biss biex ikunu jistghu jidhlu bil-karozzi taghhom f'dak il-hin.

38 (2) 8 <u>Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill</u>

Is-Sindku Joseph Casha irrefera ghal laqgha tal-Kunsill nru. 34 li nzammet fil-21 ta' Marzu 2007 fejn is-Segretarju Ezekuttiv kien oggezzjona bil-qawwi dwar tnaqqis fil-performance bonus tieghu ghal dak iz-zmien li huwa kien sick leave ghax kien l-isptar.
(kopja tal-minuti mehmuza)

Wara li is-Sindku ghamel diversi kuntatti u ha diversi pariri legali huwa hass li kellhu jaghmel statement dwar id-decizjoni li
Kunsill kien ha fir-rigward tal-performance bonus tas-Segretarju ghal dan l-istatement.

**'Invista tad-decizjoni mehuda fil-Kunsill waqt il-laqgha li saret nhar l-Erbgha 21 ta' Marzu 2007, jirrizulta illi galadarba il-Kunsill approva il-performance bonus ta' 10% lis-Segretarju Ezekuttiv imkien ma johrog li il-Kunsill jista' japprova tnaqqis minn dan l-ammont fuq affarijiet li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-performance tas-segretarju.**

**Ghaldaqstant nipproponi li il-parti fejn tirrigwardja it-tnaqqis mill-imsemmi performance bonus tigi annulata.'**

Il-Kunsillier Charmaine Gerada stqarret li hija taqbel fil-principju li il-performance bonus jinghata shih minghajr tnaqqis ghas-sick leave sakemm il-parir li nghata jkun bil-miktub ghaldaqstant
hija kienet sejra tastjeni. Il-hlas shih gie approvat bi tlett voti favur (Joseph Casha/Walter Ahar/Louis Henwood) u astensjoni
(Charmaine Gerada)

38 (2) 8 Studenta Minn Cassino

Is-Sindku Joseph Casha informa lil Kunsill li is-Sinjorina Maria Andrea Mezzarelli, studenta mill-belt ta' Cassino sejra tkun Malta ghal gimgha ta' tahrig fil-lingwa ingliza mit-19 ta' Mejju 2007 il-quddiem. Din l-ininzjattiva hija parti mill-ftehim li hemm fil-gemellag bejn il-Kunsill ta' l-Isla u il-Comune ta' Cassino fejn qed isir skambju ta' zghazagh miz-zewg ibliet biex tikber il-kultura tal-lingwa taljana u dik ingliza. Fix-xhur li gejjin gej grupp iehor ta' zghazagh minn Cassino. Bhala parti mill-ftehim tal-gemelagg, il-Kunsill approva unanimament li jkopri il-hlas ta' taghlim tas-sinjorina Mezzarelli ghal ammont ta' Lm57.

Il-familja tas-Sindku ser tiehu hsieb l-akkommodazzjoni taghha.

38 (2) 9 Korrispondenza (20 ta' Mejju 2007 – 12 ta' Gunju 2007)

| | |
|---|---|
| 04/1209/07/I | AKL Cirk 42/07<br><br>Registrazzjoni tas-software sage pastel Education (Lm50). Il-code gdida ser ikollha diffikultajiet biex tithaddem. |
| | |
| 04/1219/07/I | Studenti MCast<br><br>Unpaid work placement u talba biex studenti jaghmlu esperjenza ta' erba gimghat fil-Kunsill. |
| | |
| 04/1232/07/I | Laqgha ma l-E.T. Mons. Arcisqof ta' Malta Pawlu Cremona ghal nhar il-Hamis 21 ta' Gunju 2007 fl-Imdina. Is-Sindku, Kunsilliera u is-Segretarju Ezekuttiv huma mistiedna. |
| | |
| 04/1240/07/I | Talba ghal uzu tas-sala – Charles Bonello 22 ta' Gunju 2007 Party ghat-tfal. Il-Kunsill approva din it-talba. |
| | |
| 04/1260/07/I | Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghat-talba tac-centru Laburista Isla biex jorganizza attivita politika fi Triq il-Vitorja nhar il-Gimgha 22 ta' Gunju 2007 bejn is-7.00pm u il-11.00pm |
| | |
| 04/1263/07/I | Il-Kunsill qabel mat-talba ta' l-Ghaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori biex inaddfu il-promenade bil-powerwash wara li jitnehhew l-opri tal-bahar. |
| | |
| 04/1269/07/I | Seminar 'Flimkien' all together Putting Children First organizzat mill-AKLM |
| | |
| 04/1272/07/I | L-OPM talab aktar taghrif dwar il-progett Qualiticities li qed jiehu sehem fih dan il-Kunsill. |
| | |
| 04/1275/07/I | Il-Kunsill hareg il-permess ta' gimgha biss ghat-talba biex Mark Darmanin jtella il-yacht (27 pied) fil-Parking hdejn il-Macina |

| | |
|---|---|
| | ghal fini ta' tiswijiet. |
| | |
| 04/1276/07/I | Il-Kunsill qabel li jaghti is-sehem tieghu bhala sponsor fil-ktejjeb li is-Senglea Youngsters sejrin johorgu. L-ammont huwa ta' Lm20 |
| | |
| 04/1278/07/I | Seminar Public Risk Managment imtella mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, AKLM u ASKLM. Il-Gimgha 22 ta' Gunju 2007. Sejrin jattendu is-Sindku u is-Segretarju Ezekuttiv. |
| | |
| 04/1280/07/O | Il-Kunsill kiteb lis-Segretarjat tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Infrastruttura li il-Kunsill kien lest li jiehu f'idejh ir-responsabilita' kollha ta' l-arlogg tat-Tarzna wara li tkun saritlu il-manutenzjoni mehtiega biex dan l-arlogg jerga' jiehu il-prestigju li kellhu qabel. |
| | |
| 04/1281/07/O | <u>Ghaqda Sajjieda u Barklori Dillettanti</u><br><br>Il-Kunsill fahhar lil din l-ghaqda ghal inizjattiva li hadet biex nadfet bil-power wash il-parti tax-xatt fejn kien hemm l-opri tal-bahar |
| | |
| 04/1294/07/I | Talba ghal ghajnuna ta l-Federazzjoni Maltija ta' Persuni b'diffikultajiet specjali fil-petizzjoni taghhom 'Million 4 Europe' biex jkunu certi li il-bzonnijiet u id-diffikultajiet taghhom jigu inkluzi fil-legislatura Ewropeja. Il-Kunsill approva. |
| | |
| 04/1298/07/I | Il-Kunsill ma laqghax it-talba ghal hlas ta' Lm60 bhala sponsor ghas-sinjura Elaine Mifsud Scicluna biex taghmel reading session fis-Summer Club ta' l-Iskola. Il-Kunsill qed itella is-Summer Club fil-Kunsill ghas-sajf li gej. |
| | |
| 04/1305/07/I | Senglea Nursery Football Club talbu biex issir laqgha mal-Kunsill dwar il-Ground tal-Ponta. Il-Kunsill laqgha □i nit-talba. |
| | |
| 04/1316/07/I | Progett VUCC. Ghanda issir laqgha nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju 2007. Il-Kunsill sejjer jippartecipa. |
| | |
| 04/1308/07/O | Il-Kunsill kiteb lil ADT dwar l-introduzzjoni fl-Isla tas-sistema tal-parkegg bl-arlogg u 'Residents Parking Scheme'. |
| | |
| 04/1227/07/I | Il-Kunsill hareg twissijiet lil Kuntrattur Alfred Azzopardi (SCS – 04) minhabba nuqqasijiet fis-servizz li qed jaghti kif ukoll l-ilmenti imressqa mill-Vici Sindku Walter Ahar. |

**38 (3) Mistoqsijiet**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**38 (4) Rizenja Segretarju Ezekuttiv**

Issa li din ir-rizenja giet ikkonfermata u approvata, il-Kunsill sejjer jinforma lid-Direttur ghal Gvern Lokali u lil ETC biex jibda il-process ghal ghazla ta' Segretarju Ezekuttiv gdid biex jimla il-post vakant tas-sur Alphonse Zammit li jtemm il-hatra tieghu fis-17 ta' Awissu 2007.

38 (4) 1 Is-Sindku informa lil Kunsill li wara diskussjoni li kellhu mas-Segretarju Ezekuttiv, hemm proposta bi qbil bejn iz-zewg nahat li b'effett mit-18 ta' Awissu 2007, is-Segretarju Ezekuttiv Alphonse Zammit jinhatar bhala Agent Segretarju Ezekuttiv u jibqa' jghati is-servizz tieghu fuq bazi flessibli u ridotta sa tlett xhur wara il-hatra ta' Segretarju Ezekuttiv iehor.

B'dan il-ftehim is-Segretarju Ezekuttiv Alphonse Zammit jahdem massimu ta' sittin siegha (60 hours) flessibli matul erba' gimghat b'avarage ta' 15 il-siegha fil-gimgha.

Il-membri tal-Kunsill prezenti approva dan il-ftehim fil-principju u ghaldaqstant sejjra tinkiteb ittra lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u jsir kuntratt ta' xoghol bejn il-Kunsill u is-sur Alphonse Zammit f'dan ir-rigward.

38 (4) 2 <u>Bord ta' l-ghazla</u>

Il-Kunsill qabel li jahtar bord ta' l-ghazla ta' hames membri u li jkun maghmul kif gej :

1. Rapprezentant AKLM
2. Rapprezentant ASKLM
3. Rapprezentant Dip. Gvern Lokali
4. Zewg rapprezentanti mill-Kunsill Lokali. Dawn sejrin ikunu Joseph Casha is-Sindku u Charmaine Gerada Kunsillier.

**38 (5) Rapport Kumitat Konsultattiv**

Dan ir-rapport huwa mehmuz ma dawn il-minuti.

38 (5) 1 Gie suggerit li il-website tigi illinkjata ma dik li ghandu Louis Henwood.

Nota: **8.20pm**

Minhabba impenji ohra il-Vici Sindku Walter Ahar halla il-laqgha tal-Kunsill. Huwa iddikkjara li kellhu dan l-impenn fil-bidu tal-laqgha tal-Kunsill.

**38 (6) Tenders Ground tal-Football tal-Ponta**

38 (6) 1 Taghrif moghti mis-Sindku Joseph Casha dwar il-progett tal-Ground tal-football pitch 5 a side.

'Spjegajt lil dan il-kumitat x'kien ghaddej dwar l-applikazzjoni tal-Ground tal-Football kif ukoll il-ftehim li kien sar bejn il-Kunsill u is-Senglea Athletics.

Tajt hjiel ukoll dwar ftehim bejn iz-zewg partijiet li kien sar fil-laqgha tal-kunsill nru. 44 datata 28 ta' Dicembru 2004. Dan kien sar fuq talba b'urgenza minn naha tas-Senglea Athletics sabiex inkunu minn ta' l-ewwel fil-lista biex jinbeda il-process li jinbena il-Mini Pitch fil-Ground tal-Ponta.

Sostnejt li il-Kunsill jaqbel fil-principju li ghanda tinghata prijorita' lis-Senglea Nursery. Tkellimt ukoll dwar il-ftehim li hemm mal-Lands Department dwar id-devoluzzjoni tal-Ground, li skond il-klawsoli li hemm, il-Kunsill Lokali irid ikun hu responsabbli mit-tmexxija tal-Ground. Ma rridx infisser ruhi li il-Kunsill irid it-tmexxija totalment f'idejh, imma jkun jaf x'inhu ghaddej.

Sar qbil fuq dawn il-punti:

1. jitwaqqaf sterling committee biex jipproponu sett ta' klawsoli li jkunu jorbtu lil-bord ta' tmexxija u lis-Senglea Nursery.

2. li il-Kunsill ikun it-tmun tat-tmexxija tal-Ground.

3. li il-Kunsill m'ghandu l-ebda intenzjoni li jkollu sehem assolut mil-introjtu tal-finanzi tal-Ground.

4. niktbu jew niltaqu mas-Senglea Nursery biex naraw x'inhi l-intenzjoni taghhom kif jistaw jamministraw il-ground.

5. meta nikkonkludu dan id-draft agreement niehdu parir legali.

38 (6) 2 Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma kienetx qed taqbel mal-Kumitat Konsultattiv li jsiru regoli ta' tmexxija qabel ssir laqgha mas-Senglea Nursery. Ghalhekk ipproponiet biex qabel issir

Sterling Committee biex thejji rapport dwar it-tmexxija ta' dan il-ground ghandha ssir laqgha mas-Senglea Athletics biex isir maghruf x'inhija l-opinjoni taghhom dwar it-tmexxija ta' dan il-ground.

Din il-proposta ma kelliex sekondant.

38 (6) 3 Is-Sindku Joseph Casha, issekondat mill-Kunsillier Louis Henwood ippropona li ghandha issir Steering Committee biex thejji rapport dwar kif ghandu jitmexxa dan il-ground u li il-Kunsill ghandu jkollu id-dritt ta' tmexxija assoluta skond dak li hemm iffirmat fid-devoluzzjoni tal-Ground lil Kunsill ta' l-Isla.

Din il-proposta ghaddiet b'zewg voti favur u wiehed kontra fuq bazi ta' principju li il-kunsill ma ghandux ghalfejn ikun imdahhal fit-tmexxija ta' dan il-ground tal-football.

38 (6) 4 Fuq proposta tal-Vici Sindku Walter Ahar, issekondat mill-Kunsillier Charmaine Gerada, il-Kunsill qabel li tohrog tender ghax-xoghol ta' kostruzzjoni tal-pitch sintetiku ghal football ground ta' 5 a side.

38 (6) 5 Is-sindku Joseph Casha informa lil Kunsill li fil-11 ta' Gunju 2007 kiteb lil President tas-Senglea Nursery Football Club (04/1328/07/O) biex issir laqgha bejn iz-zewg nahat. Din il-laqgha hija progettata li ssir nhar il-Hamis 28 ta' Gunju 2007 fis-6.00pm.

**38 (7) Imhazen Macina**

Hekk kif kien approvat fil-laqgha tal-Kunsill ta' qabel, il-Kunsill kien favur li jaghmel il-bidding tieghu ghal tnejn minn erba imhazen li hargu ghall-offerti mid-Dipartiment ta' l-Artijiet. Qed jigu riferuti mhazen nru. 3 u nru. 4.

Is-Sindku Joseph Casha informa lil Kunsill li dawn l-imhazen hargu ghall-offerta' fil-Gazzetta tal-Gvern (04/1274/07/I)

38 (7) 1 Il-Kunsillier Charmaine Gerada ma kienitx taqbel fil-principju u ipproponiet li il-Kunsill m'ghandux jitfa' offerti ghal dawn l-imhazen jekk ma jkollux ghan specifiku u pjan konkret ghal fejn iridhom u kif sejjer juzahom u jiffinanzjahom.

Billi ma kienx hemm sekondant din il-proposta waqfet.

38 (7) 2 Il-Kunsillier Louis Henwood, issekondat mis-Sindku Joseph Casha ippropona li 'il-Kunsill isostni li il-progett imsemmi ma l-applikazzjoni huwa ta' fejda u ta' bzonn kbir ghal komunita'. Fil-

lokalita' ta' l-Isla b'mod specjali fejn jidhlu tfal u zghazagh ma hemm l-ebda post alternattiv jew jista' jinghata xi bini iehor biex il-Kunsill jilhaq l-iskop u l-ghanijiet tieghu ghal gid tal-komunita' u ghalhekk ghandu jitfa' l-offerta tieghu ta' Lm1700 ghal kull wiehed miz-zewg mhazen (nru. 3 u nru 4)

Din il-proposta giet approvata b'zewg voti favur u wiehed kontra (Ref. Rizoluzzjoni 4/2007 kopja mehmuza)

**38 (8) Rizoluzzjonijiet**

38 (8) 1 Xiri ta' Litter Bins ghal Gnien il-Gardjola 5/2007

Din ir-Rizoluzzjoni kienet giet proposta minn qabel bil-miktub mill-Vici Sindku Walter Ahar u issekondata mill-Kunsillier Louis Henwood. Il-Kunsill approva ix-xiri ta' dawn il-bins (rizoluzzjoni mehmuza)

38 (8) 2 Xiri ta' plates ghal-lamp post Xatt 6/2007

Din ir-rizoluzzjoni kienet giet proposta mill-Kunsillier Louis Henwood u issekondata mill-Vici Sindku Walter Ahar. Il-Kunsill approva ix-xiri ta' dawn il-plates (rizoluzzjoni mehmuza)

Nota : Il-Kunsilliera urew ix-xewqa li il-laqghat tal-Kunsill jibdew isiru f'gurnata ohra tal-gimgha flok nhar ta' Erbgha li qed tkun difficli ghal wiehed mill-Kunsilliera. Is-Segretarju Ezekuttiv sejjer jikkonsulta mal-membri tal-Kunsill biex tinstab gurnata mill-gimgha li tkun tajba ghal kulhadd.

Il-laqgha tal-Kunsill ntemmet fid-9.16pm

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |